31998D0536

11.9.1998 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 251/39

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-3 ta' Settembru 1998
## li tistabbilixxi l-lista ta' laboratorji nazzjonali ta' referenza għar-rivelazzjoni ta' residwi

*(notifikati taħt id-dokument numru Ċ(1998) 2487)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(98/536/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri biex jiġu osservati ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'bhejjem ħajjin u prodotti tal-bhejjem u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) inkluż fihom,

Billi l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 96/23/KE jistipula li għandu jinħatar almenu laboratorju nazzjonali ta' referenza wieħed f'kull Stat Membru għar-rivelazzjoni ta' ċerti sustanzi u residwi sabiex kull residwu jew grupp ta' residwi ma jkunx assenjat lil aktar minn laboratorju nazzjonali ta' referenza wieħed; billi f'dan ir-rigward, sal-31 ta' Diċembru 2000 l-Istati Membri jistgħu jkomplu jafdaw l-ittestjar għall-istess residwu jew grupp ta' residwi f'idejn diversi laboratorji nazzjonali li jkunu ħatru qabel id-data ta' adozzjoni ta' dik id-Direttiva;

Billi l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 96/23/KE jippreskrivi x-xogħlijiet ta' laboratorji nazzjonali ta' referenza bħal dawn għar-rivelazzjoni ta' residwi u jgħid li l-Kummissjoni għandha tagħmel lista ta' laboratorji nazzjonali ta' referenza bħal dawn;

Billi l-Anness għal din id-Deċiżjoni għandu jiġi rivedut mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru;

Billi, għal raġunijiet ta' ċarezza legali, ċerti disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/257/KEE tal-15 ta' April 1993 li jippreskrivu l-metodi ta' referenza u l-lista ta' laboratorji nazzjonali ta' referenza għar-rivelazzjoni ta' residwi [2] għandhom jitħassru.

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għar-rivelazzjoni ta' residwi maħtura skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva 96/23/KE għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness li ġej.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 4 tad- Deċiżjoni 93/257/KEE u l-Anness għaliha jitħassru permezz ta' dan l-Artikolu..

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2000.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Settembru 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10.
[2] ĠU L 118, ta' l-14.5.1993, p. 75.

*ANNESS*

**LABORATORJI NAZZJONALI TA' RIFERENZA**

| Stat Membru | Laboratorji ta' riferenza | grupp ta' residwi |
|---|---|---|
| Belgium | Institut scientifique de la santé publique — Louis Pasteur<br>Rue J. Wytsman 14<br>B-1050 Bruxelles | Minden csoport |
| Dánia | Veterinær- og Fødevaredirektoratet<br>Institut for Fødevareundersøgelser og<br>Ernæring Afdelingen for Kemiske Forureninger (IFEF)<br>Mørkhøj Bygade 19<br>DK-2860 Søborg | B2 csoport<br>B3 csoport (kivétel: ochratoxin-A) és karbadox és olaquindox |
| | Veterinær- og Fødevaredirektoratet<br>Institut for Fødevareundersøgelser og<br>Ernæring Afdelingen for Fødevareanalyser (IFEF)<br>Odinsvej 4<br>Postboks 93<br>4100 Ringsted | A csoport<br>B1 csoport (kivétel: karbadox és olaquindox) |
| Németország | Bundesinstitut für gesundheitlichen Verbraucherschutz und Veterinärmedizin<br>Thielallee 88-92<br>14195 Berlin | Minden csoport |
| Görögország | Institute of Food Hygiene<br>Neapoleos 25 Aghia Paraskevi<br>153 10 Athens | A2, A5, B1, B2d, B3a (PCB), B3b, B3e |
| | Institute of Biochemistry,Toxicology and Nourishment of Animals<br>Neapoleos 25 Aghia Paraskevi<br>153 10 Athens | B3c, B3d |
| | Institute of Food Hygiene<br>26 Octobriou 66<br>546 27 Thessaloniki | A6 (Nitrofuránok) |
| | Veterinary Diagnostic Laboratory Serres<br>Terma Omonias<br>621 10 Serres | A1, A3, A4, B3a (szerves klór-vegyületek) |
| | Veterinary Diagnostic Laboratory Larissa<br>7th km E.O. Larossas<br>411 10 Larissa | B2a és B2b |
| | Veterinary Diagnostic Laboratory Tripolis<br>Pelagos Arkadias<br>221 00 Tripolis | A6 (kloramfenikol) |
| | Veterinary Diagnostic Laboratory Patras<br>Notara 15<br>264 42 Patras | B2c és B2e |
| Spanyolország | Centro Nacional de Alimentación<br>Carretera Pozuelo-Majadahonda, km 6,2 Majadahonda (Madrid) | A1, A3, A4, A5, B1, B3c (csak akvakultúra-termékek esetén), B3d, B3e |
| | Laboratorio de Sanidad y Producción Animal<br>Santa Fe (Granada) | B2a, B2b, B2c, B2f, B2e |
| | Laboratorio de Sanidad y Producción Animal<br>Algete (Madrid) | A2, B2d |

| Stat Membru | Laboratorji ta' riferenza | grupp ta' residwi |
|---|---|---|
| | Laboratorio Arbitral del Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentación<br>Carretera de La Coruña, km 10,7 (Madrid) | B3a, B3b, B3c (csak akvakul-túra-termékek esetén) |
| | Laboratorios anteriormente mencionados según su acción farmacológica | A6, B3f |
| Franciaország | Laboratoire des dosages hormonaux ENV Nantes<br>BP 5070744307<br>Nantes Cedex 3 | A1, A2, A3, A4, A5 |
| | CNEVA Fougères<br>Laboratoire des médicaments vétérinaires (LMV)<br>La haute Marche-Javéné<br>35133 Fougères | A6, B1, B2a, B2b, B3e, B2d, B2e, B2f |
| | CNEVA Sophia Antipolis<br>BP111<br>06902 Sophia Antipolis Cedex | Minden mézre vonatkozó csoport. |
| | CNEVA Paris<br>10, rue Pierre Curie<br>94700 Maisons Alfort | B2c<br>B3a, B3b, B3c, B3d |
| Írország | Central Meat Control Laboratory<br>Abbotstown<br>Castleknock<br>County Dublin | A csoport<br>B1 csoport<br>B2d, B2f csoport<br>B3c csoport |
| | State Laboratory<br>Abbotstown<br>Castleknock<br>County Dublin | A1, A3, A4, A5 csoport<br>B1 csoport<br>B2b, B2e csoport<br>B3a, B3b, B3d csoport |
| | Teagasc (National Food Centre)<br>Dunsinea<br>Castleknock<br>Dublin 15 | B2a, B2c csoport |
| | Marine Institute<br>Fisheries Research Centre<br>Abbotstown<br>Castleknock<br>Dublin 15 | B1, B2, B3 csoport<br>(csak akvakultúra-termékek esetén) |
| Olaszország | Istituto superiore di sanità<br>Viale Regina Elena 299<br>I-00161 Roma | Minden csoport |
| Luxemburg | Institut scientifique de la santé publique — Louis Pasteur<br>Rue J. Wytsman 14<br>B-1050 Bruxelles | Minden csoport |
| Hollandia | Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieuhygiëne<br>Antonie van Leeuwenhoeklaan 9<br>Bilthoven<br>Postbus 1<br>3720 BA Bilthoven | Minden csoport |
| | Rijkskwaliteitsinstituut voor land- en tuinbouwproducten<br>Bornsesteeg 45<br>6708 PD Wageningen | Minden csoport |
| Ausztria | Bundesanstalt für Tierseuchenbekämpfung in Mödling<br>Robert-Koch-Gasse 17<br>2340 Mödling | Élő állatok és friss hús<br>Minden csoport |
| | Bundesanstalt für Lebensmitteluntersuchung und -forschung<br>Kinderspitalgasse 15<br>1095 Wien | Tej, tojás és méz<br>Minden csoport |

| Stat Membru | Laboratorji ta' riferenza | grupp ta' residwi |
|---|---|---|
| Portugália | Laboratório Nacional de Investigação Veterinária<br>Estrada de Benfica 701<br>P-1500 Lisboa | Minden csoport |
| | Instituto de Investigação das Pescas e do Mar-IPIMAR<br>Avenida de Brasília<br>P-1400 Lisboa | B3c csoport<br>(csak akvakultúra-termékek esetén) |
| Finnország | Eläinlääkintä- ja elintarvikelaitos<br>(National Veterinary and Food Research Institute)<br>Hämeentie 57, Box 368, FIN-00231 Helsinki | Minden csoport |
| Svédország | Statens Livsmedelsverk<br>Box 622<br>751 26 Uppsala | Minden csoport |
| Egyesült Királyság | Central Veterinary Laboratory<br>New Haw, Addlestone<br>Surrey KT15 3NB | A1, A2, A3, B1 |
| | Food Science Laboratory<br>Colney Lane<br>NorwichNR4 7UA | A3, B1, B2 |
| | Veterinary Research Laboratories<br>Stormont<br>Belfast BT4 3SD | A1a, A1c, A2, A3, B1, B2 |
| | Food and Agricultural Chemistry Research Division<br>Department of Agriculture for Northern Ireland<br>Newforge Lane<br>Belfast BT9 SPX | A1b, A3, B1, B2 |